**Tarċisju Zarb**
**tarcizju.zarb@ilearn.edu.mt**

**L-Eżami tal-Kitba (Il-Lingwa)**

## KAMPJUN TA' KARTA TA' EŻAMI

L-ewwel Karta

**Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.**
**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi, u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## L-EWWEL TAQSIMA

**Il-Komponiment** **25 marka**
Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:

a. It-tibdil fil-klima.
b. Il-passatemp tiegħi.
ċ. Jum bla dawl.
d. Ġurnalista jintervista l-ambaxxatur ta' Popapila. (Ikteb l-intervista)

## IT-TIENI TAQSIMA

**Fehim it-Test** **36 marka**
Aqra sewwa din is-silta mbagħad wieġeb fi kliemek il-mistoqsijiet fuqha:

### X'jikkawża t-tisħin globali?

Il-tisħin globali jiġi miż-żieda fil-konċentrazzjoni tal-gass serra fl-atmosfera minħabba f'attività umana jew industrijali. Il-gass serra ewlieni hu d-dijossidju karboniku, li fil-biċċa l-kbira jiġi prodott mill-ħruq ta' fuels bħal faħam, żejt, gass, siġar u oħrajn. Minħabba li s-siġar ineħħu d-dijossidju karboniku mill-arja, il-qerda tal-foresti tagħmel ħsara doppja: it-tneħħija tas-siġar li jneħħuh u l-ħruq tagħhom li jipproduċuh.

L-oċeani wkoll kapaċi jassorbu kwantitajiet kbar ta' dijossidju karboniku, imma qed jiġi ġġenerat aktar milli kapaċi jifilħu. Il-metanju huwa gass li ġeneralment jiġi ġġenerat fl-arja minn proċessi agrikoli bħat-tkabbir tar-ross u t-trobbija tal-bhejjem, mit-taħsir ta' oġġetti organiċi (eż. pjanti u annimali) u waqt it-tħaffir u l-estrazzjoni

tal-faħam, żejt jew gass. In-*nitrous oxide* jiġi mill-użu ta' ċerti fertilizzanti u mill-ħruq ta' żjut tal-fossili.

Is-CFCs (*chlorofluorocarbons*) huma gassijiet li kienu jintużaw fil-bottijiet tal-isprej, fil-friġis u *freezers* u kienu jispiċċaw fl-arja waqt l-isprejjar jew waqt il-manutenzjoni u skreppjar tal-friġis u *freezers*. Is-CFCs jagħmlu ħafna ħsara lis-saff tal-ozonu (li jħarisna mir-raġġi qawwija tax-xemx). L-użu tagħhom qiegħed jinqata' taħt il-Protokoll ta' Montreal.

Fil-mitt sena li għaddew, il-konsum tal-enerġija fid-dinja żdied b'mod tal-għaġeb. Tal-anqas 70% tal-enerġija tiġi kkunsmata mill-pajjiżi żviluppati; u 78% ta' din l-enerġija tiġi mill-*fossil fuels*. Dan joħloq <u>żbilanċ</u> li jħalli xi reġjuni fil-faqar u oħrajn igawdu benefiċċji kbar. Sadanittant, il-fondi għal enerġija li tista' terġa' tiġi rriġenerata (is-sors tal-enerġija ma jinħeliex) bħall-enerġija solari, riħ, *biomass* (ħruq ta' affarjiet organiċi), idro (saħħa tal-ilma ġej mill-muntanji), b'mod partikolari mini u mikro-idro (fuq skala żgħira), li hija parti importanti fit-tnaqqis tal-użu tal-*fossil fuels*, kemm f'pajjiżi żviluppati u mhux żviluppati, jibqgħu baxxi ħafna, ipparagunati ma' fondi t'għajnuna u investimenti allokati għall-*fossil fuels* u għall-enerġija nukleari.

Il-qerda tal-foresti, barra li taħti għal 20% taż-żieda tad-dijossidju karboniku fl-arja, iġġib tibdil fil-klima tal-lokal u fiċ-ċiklu tal-ilma. B'hekk taffettwa l-fertilità tal-ħamrija.

Biex nevitaw tibdil fil-klima li jġib ħsara kbira jenħtieġ li nistabbilizzaw il-livell preżenti tal-gassijiet serra fl-atmosfera malajr kemm jista' jkun. Biex nagħmlu dan, irridu nnaqqsu l-emissjoni tal-gassijiet serra b'mill-anqas 50%, skont l-IPCC. Jekk ma jsir xejn il-ħsarat ikomplu jiżdiedu.

2. Mistoqsijiet

*Wieġeb kull mistoqsija FI KLIEMEK. Jitnaqqsu l-marki jekk it-tweġibiet ikunu kkupjati kelma b'kelma mis-silta.*

**(2 marki kull mistoqsija)**

1. X'jikkawża t-tisħin globali?
2. Kif jiġi ġġenerat il-metanju?
3. X'nifhmu bi kloroflworokarbon?
4. X'nifhmu meta ngħidu li ż-żieda fil-konsum, fid-dinja żdiedet?
5. X'nifhmu meta ngħidu enerġija li tista' tiġi rriġenerata? Agħti eżempji.
6. X'tista' tagħmel inti biex tgħin fit-tnaqqis tat-tisħin globali?

**Tarċisju Zarb**
**tarcizju.zarb@ilearn.edu.mt**

## 3. Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha

a. *Fisser fi kliem il-kliem b'sing taħtu skont is-sens tas-silta.* 6 marki

1. jassorbu
2. żbilanċ
3. tiġi rriġenerata

b. *Liema kelma jew frażi fis-silta għandha din it-tifsira?* (4 marki)

1. Global Warming (l-ewwel paragrafu)
2. CFCs (it-tielet paragrafu)

## 4. Grammatika **14-il marka**

*Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.*

Iċ-ċens ta' Nardu tal-Wardija, fix-xitwa, kien tassew ikun fih x'tara. Għad illi Nardu u wliedu ma kinux magħdudin mal-bdiewa tat-tajjeb, b'danakollu kellhom ftit raba' ġmielu mqabbel għandhom. U għad illi ma kienx raba' saqwi, mill-ħarifa sa dħul April, ma kontx issibilhom wiċċ mhux maħdum. U jekk kont tħares mill-bogħod lejn ir-raba' ta' Nardu kont titgħaxxaq bl-ilwien li tara fih: fix-xitwa kien jimtela b'kemm-il lewn aħdar hawn, b'miegħu l-isfar tal-ħaxixa Ingliża; u wara Marzu, jibda kulma hemm jittebbagħlek bl-aħmar lewn demm il-baqra, sa mal-fjuri tas-silla kienu jżiegħdu kullimkien.

*(Silta minn Leli ta' Ħaż-Żgħir ta' Ġużè Ellul Mercer)*

a. Sib eżempju ta' parteċipju passiv. (1)
b. X'tip ta' plural huwa n-nom *'bdiewa'*? (1)
c. X'inhu l-għerq ta' *ġmielu*? (1)
d. Agħti l-mamma ta' *'issibilhom'*. (1)
e. Oħroġ parteċipju attiv minn maħdum. (1)
f. Ta' liema forma huwa l-verb *tħares*? (1)
g. Oħroġ verb tat-tielet forma minn *bogħod*. (1)
h. Oħroġ nom minn *titgħaxxaq*. (1)
i. Oħroġ verb tat-tieni forma minn *ilwien*. (1)
j. Sib sinonimu għal *lewn*. (1)
k. Oħroġ nom kollettiv minn *ħaxixa*. (1)
l. Aqleb *kienu* fit-tielet persuna plural perfett fin-negattiv. (1)

m. Agħti l-antonimu ta' *kullimkien.* (1)
n. Oħroġ verb tad-disa' forma minn *isfar*. (1)

## IT-TIELET TAQSIMA

**5. Rapport** **12-il marka**
*Wieġeb mistoqsija WAĦDA:*

a. 'Ninvolvu lil kulħadd – attività ta' inklużjoni.' Ikteb rapport ta' madwar 80 kelma dwar dan l-avveniment.

JEW

b. Fir-raħal fejn toqgħod ġiet organizzata maratona għall-ġbir ta' fondi biex jissebbaħ il-ġnien pubbliku. Ikteb rapport ta' madwar 80 kelma dwar dan.

## IR-RABA' TAQSIMA

**6. Ittra** **12-il marka**
*Wieġeb mistoqsija WAĦDA:*

a. Ikteb ittra ta' madwar 80 kelma lill-ġurnal 'Il-Kukkudril' ta' Triq is-Sriep Ħal Minsi NSJ 123, dwar il-ħtieġa li nieħdu ħsieb l-annimali abbandunati.

Ismek: Leslie / Lella (Bonniċi)
Indirizz tiegħek: 30, Triq id-Dulluvju, Ħal Dulluvja. DLV,1058

JEW

b. Ikteb ittra elettronika ta' madwar 80 kelma lis-Sindku tal-lokal tiegħek dwar il-ħtieġa li jkollkom raħal aktar imdawwal. Issuġġerilu xi attivitajiet li jista' jagħmel.

Ismek: John / Josephine Stellini
Indirizz elettroniku tiegħek: jstellini@studenti.org
Indirizz elettroniku tal-Kunsill Lokali: sindku@kunsilllokali.org

**Tarċisju Zarb**
**tarcizju.zarb@ilearn.edu.mt**